

Kawża C-445/05

Werner Haderer

vs

Finanzamt Wilmersdorf

(talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof)

“Sitt Direttiva tal-VAT — Eżenzjonijiet — Artikolu 13A(1)(j) — Tagħlim mogħti minn għalliema privatament, u li jkopri l-edukazzjoni ta’ l-iskola jew ta’ l-università — Tagħlim mogħti fil-kuntest ta’ korsijiet organizzati minn ċentri ta’ tagħlim għall-adulti — Nuqqas ta’ rabta kuntrattwali diretta ma’ l-istudenti”

Konklużjonijiet ta’ l-Avukat Ġenerali E. Sharpston, ippreżentati fit-8 ta’ Marzu 2007 I - 4843
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) ta’ l-14 ta’ Ġunju 2007 I - 4844

Sommarju tas-sentenza

Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Eżenzjonijiet previsti mis-Sitt Direttiva [Direttiva tal-Kunsill 77/388, Artikolu 13A(1)(j)]

L-attivitajiet ta' individwu li jaġixxi bħala għalliem estern, li jikkonsistu fl-ġhoti ta' lezzjonijiet li fihom jgħin lill-istudenti bix-xogħol ta' l-iskola kif ukoll ta' korsijiet taċ-ċeramika u tal-fuħħar fiċ-ċentri ta' tagħlim għall-adulti, jistgħu jibbenifikaw biss mill-eżenzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud għat-“tagħlim mogħti privatament minn għalliema u jkopri edukazzjoni ta' l-iskola jew ta' l-università”, prevista fl-Artikolu 13A(1)(j) tas-Sitt Direttiva 77/388, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq

id-dħul mill-bejgħ, fil-każ li tali attivitajiet jikkonsistu f'lezzjonijiet mogħtija minn għalliem li jaħdem għal rasu, u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u li jirrigwardaw l-edukazzjoni ta' l-iskola u ta' l-università. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ fil-kawża prinċipali.

(ara l-punt 38 u d-dispożittiv)